MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2015

Avviz Numru. 354/2014

**Prime Trading Limited**

**vs**

**Erom Trading Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-kumpanija attrici Prime Trading Limited is-somma ta' tmien t'elef u ghoxrin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€8,020.85), dovuti minnhom lill-kumpanija attrici u rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilhom fil-perjodu ta' bejn Mejju u Ottubru tas-sena 2014, fuq ordni taghhom stess, u dan kif jirrizulta mill-'istatement' hawn anness u mmarkat bhala Dok A.

Bl-ispejjes gudizzjarji u extra gudizzjarji relattivi ghal din it-talba, kif ukoll bl-ghola imghax legali applikabbli skont il-Kap 13 tal-Ligijiet ta’ Malta mid-data ta’ kull fattura sal-pagament effettiv.

Rat in-nota tas-socjeta konvenuta, pprezentata fis-27 ta’ Novembru, 2014, li biha l-istess socjeta’ konvenuta ammettiet it-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fl-istess avviz.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien t’elef u ghoxrin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€8,020.85) bl-ispejjes gudizzjarji u extra gudizzjarji relattivi ghal din it-talba kif ukoll bl-imghax legali applikabbli skont il-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta’ Malta, mid-data ta’ kull fattura sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------